MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 894/1993/1

Alfrida Pace

vs

Tabib Ewlieni tal-Gvern u Dr. Jerzy Kosmyder

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Lulju 1993 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet:

Illi hija kellha diehes f'subajha u marret l-isptar San Luqa ghal habta tad-9.30 a.m. fl-14 ta' Marzu, 1993.

Illi hija giet riferuta ghand l-konvenut Dr. Jerzy Kosmyder li sussegwentement fetahulha minghajr ma halla l-loppju jahdem.

Illi hija wara jumejn subajha kien qed jinten u kien iffjamat hafna u meta marret ghand il-polyclinic dawn baghtuha l-isptar.

Illi fit 23 ta’ Marzu, 1993 hija kienet migugha hafna hija regghet marret l-isptar u din id-darba il-konsulent Charles Sciberras ghamilha xi drains f’dan is-seba urgentement stante li kien fjammat (Dok. B.)

Illi minhabba nuqqasijiet dapparti tal-konvenut fis-6 ta’ April, 1993 l-istess Konsulent Sciberras qatalha nofs subajha ghaliex lahaq gie ‘gangrenous’.

Illi dan kollu sehh minhabba nuqqasijiet fis-sengha u arti tal-konvenut Kosmyder, stante li trattha b’mod negligenti u traskurat.

Illi minhabba f’hekk l-attrici sofriet danni fuq persuntha anke dawk permanenti skond ma ccertifika t-tabib Carmel Sciberras (Dok. A.).

talbet li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li minhabba t-traskuragni fis-sengha u arti tal-konvenut Kosmyder, l-attrici sofriet danni permanenti fuq il-persuna taghha.

2. Tillikwida d-danni sofferti hekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna il-konvenuti ihallsu lill-attrici dik is-somma likwidata ai fini tat-tieni talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

1. Illi huma m’humiex responsabbli ghat-telf ta’parti minn subghajn l-attrici stante li kienet l-istess attrici li pprecipitat

l-aggravament tal-ferita in kwistjoni u dan qabel ma hija rrikorriet l-isptar San Luqa ghal trattament mediku.

2. Illi huma ma rrekaw l-ebda danni lill-attrici u ghaldaqstant m'ghandhom xejn xi jhallsu f'rizarciment.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Mejju 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala espert mediku t-tabib konsulent Victor Sultana sabiex bl-ghajnuna ta' Dr. Joseph Galea Debono perit legali jistabilixxi kienx hemm xi nuqqas mill-konvenuti waqt il-kura ta' l-attrici u f'dak il-kaz jistabilixxi wkoll jekk l-attrici ghandhiex disabilita` permanenti u kemm huwa l-grad tad-disabilita`;

Rat ir-relazzjonijiet debitament mahlufa fit-30 ta' Marzu 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' kritika ta' l-attrici u n-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Ikkunsidrat illi:-

L-attrici qed tallega li minhabba diversi nuqqasijiet imputabbli lill-konvenut Dr. Jerzy Kosmyder hija sofriet danni permanenti fuq il-persuna taghha billi, wara t-trattament li dan ghamlilha, kellu jinqataghlha nofs ir-raba' saba' ta' idha l-leminija.

Jidher li ghall-habta ta' nofs Marzu tas-sena 1993, l-attrici zviluppalha diehes fis-saba' msemmi u bdiet tuza ingwent li nghatalha mill-ispizjar tat-Trinity Pharmacy, il-Marsa, minghajr ricetta tat-tabib. Dan l-ingwent kien jismu 'Novaruca'. Fl-14 ta' Marzu 1993 l-attrici marret il-Casualty Department ta' l-Isptar San Luqa fejn raha Dr. Patrick Zammit li, skond l-affidavit tieghu, innota li subghajha kien ta' lewn kannella sal-proximal inter-phalyngeal joint. L-

attrici qaltlu li kienet uzat ingwent tad-diehsijiet u jodju. Ghalkemm kienet mugugha, kien hemm sensazzjoni fil-pulp tas-saba' u ma kienx hemm la materja u lanqas gangrena. Dr. Zammit ippreskriva broad-spectrum antibiotics, hasil tas-saba' bis-salina u splint flimkien ma' sterile dressing. Lill-attrici qalilha biex ma tergax tuza mill-ingwent imsemmi.

Fis-17 ta' Marzu 1993 l-attrici rritornat l-Isptar fejn l-ewwel raha Dr. Francis Borg u rreferiha lill-konvenut Dr. Kosmyder li taha parir tkompli l-antibiotics, tibda tiehu l-junior aspirin u terga' tigi l-ghada biex jarawha fil-hand clinic. Skond ix-xiehda ta' Dr. Kosmyder, il-ponta tas-saba' nvolut kien necrotic u ta' kulur kannella. Huwa offra li jaghmel operazzjoni fuq is-saba' u jaqsam fejn kien hemm il-materja, izda l-attrici ppreferiet li tigi l-ghada mar-ragel taghha biex isir dan. Fit-18 ta' Marzu 1993 l-attrici rritornat l-Isptar mar-ragel taghha fejn Dr. Kosmyder ghamlilha intervent fuq subghajha billi, wara li ssomministra l-anestetiku lokali mehtieg, qasam il-post fejn dehrlu li kien hemm il-materja, izda qatra wahda biss harget. Huwa kompla jixhed li kien hemm nekrozi taht il-gilda u li lill-attrici kien qalilha li setghet titlef parti minn subghajha meta raha l-ewwel darba. Qalilha tmur il-Polyclinic darbtejn fil-gimgha u tirritorna l-Isptar fi zmien gimgha.

Fid-19 ta' Marzu 1993 pero` l-attrici regghet marret il-Casualty Department fejn min raha nnota li kellha d-dorsum ta' idha l-leminija minfuha wkoll bl-infjammazzjoni. Dan ifisser li f'lejl kompliet tmur ghall-aghar. Pero` t-tabib li raha bdielha antibiotici ohra minbarra l-penicillin li kienet diga` qed tiehu u ma ammettihiex l-Isptar ghal kura aktar intensiva.

Fit-22 ta' Marzu 1993 marret il-Polyclinic tal-Furjana minn fejn giet riferuta l-Casualty minn Dr. M. Vella b'suspett ta' infezzjoni fl-ghadma tat-tarf ta' subghajha. Giet ammessa fis-sala ta' Mr. Arthur Felice u wara nofs il-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Marzu 1993 giet operata fuq dan is-saba' minn Dr. Sawitcki li kien il-general surgeon on duty wara li kkonsulta ma' Dr. Pechar, l-orthopaedic surgeon on duty. Dr. Sawitcki nnota li s-saba' kien minfuh u ffjammat izda

ma kienx hemm gangrena. Il-vijabbilita` tat-tarf ta' dan is-saba' kien dubjuz. Huwa ghamel incizjonijiet min-naha ghall-ohra tas-saba' u incizjonijiet ohra fil-gnub taz-zewg nahat fuq il-middle u l-proximal phalanges. Ghamel ukoll drains fil-feriti sabiex il-materja tinzel maghhom.

Filghodu tat-23 ta' Marzu 1993 raha Mr. Arthur Felice li talab konsulta ma' Mr. Charles Sciberras. Mr. Felice ma kixifx il-ferita izda fin-noti medici ndika li kien hemm "ascending infection" u ma hemm l-ebda rimarka dwar gangrena. Mr. Sciberras ra lill-attrici fit-23 ta' Marzu 1993 stess minghajr, pero`, ma kixef il-ferita. L-ghada, l-24 ta' Marzu 1993 mar jaraha, kixef il-ferita u nnota li kienet qed tbati minn infezzjoni severa f'subghajha u s-saba' kien jidher gangrenuz u kellha "wet gangrene". Innota wkoll li kien hemm drains fis-saba', kif ikkonfermat l-attrici stess, u xehed li ghalkemm ma jeskludix li d-drains setghu kkontribwixxew ghall-bidu tal-gangrena, setghu kkontribwixxew ghall-avvanz tal-gangrena ta' dan is-saba'. Hu ordna li jitnehhew id-drains minnufih. L-attrici baqghet l-isptar fil-ward ta' Mr. Felice. Fis-27 ta' Marzu 1993 rega' raha Mr. Sciberras li nnota li l-attrici ser ikollha bzonn "partial excision at tip of finger" u talab li tigi trasferita fil-ward tieghu WOD. Rega' raha fid-29 ta' Marzu 1993 meta ordna tibdil tad-dressing kuljum u magnesium sulphate dressing sabiex tohrog xi materja li jkun hemm fil-ferita. Il-pazjenta giet trasferita fil-5 ta' April 1993 u operata minn Mr. Sciberras fis-6 ta' April 1993. Hu nnota li s-saba' kien iebes, jigifieri li l-gogi bbiesu u allura gie kompromess il-moviment tas-saba'. Kien hemm nekrozi fit-tarf tas-saba' fid-distal phalynx, izda kien hemm ukoll granulation tissue, jigifieri infjammazzjoni qawwija fix-sheath tat-tendon li jcaqlaq it-tarf tas-saba'. Huwa amputalha s-saba' mit-tarf sa nofs il-middle phalynx. Giet discharged mill-isptar fil-11 ta' April 1993 u fil-15 ta' April 1993 tnehhewlha l-ponti. Fit-23 ta' Dicembru 1993 Mr. Sciberras rega' raha u nnota li kellha 90 degree flexion deformity fil-proximal interphalyngeal joint tas-saba' operat.

L-attrici giet ezaminata mill-perit mediku fit-23 ta' Ottubru 1995 u osserva li kien hemm 90 degrees flexion fil-gog indikat kif ukoll hyperextension fil-gog li jmiss qabel il-

proximal interphalyngeal joint (jigifieri l-metacarpo phalyngeal joint) aktar 'l isfel lejn l-id.

L-attrici suppost kellha terga' tigi operata biex tigi rrangata dik id-deformita`. Jirrizulta pero` mix-xiehda ta' Mr. Sciberras tat-3 ta' Gunju 1996 li fit-18 ta' Mejju 1996 l-attrici regghet giet operata fl-Isptar San Luqa mis-senior registrar tal-Casualty billi kienet zviluppatilha infezzjoni fit-tarf tas-saba' u saritilha incizjoni zghira ghax kellha xi materja fl-istess saba'. Ghaddielha ghal ftit u rega' bdielha l-ugigh u ghalhekk fl-4 ta' Gunju 1996 kellu jerga' joperaha Mr. Sciberras personalment.

Il-perit mediku josserva fir-relazzjoni tieghu li, ghalkemm il-procedura uzata mill-konvenut Dr. Kosmyder saret skond is-sengha billi l-attrici nghatat injezzjoni lokali fuq kull naha tas-saba' u wara nqasam il-laham bi skalpell, huwa tal-fehma li jekk f'dan l-istadju meta raha Dr. Kosmyder is-saba' kien qieghed jiddeterjora, l-attrici jmissha giet ammessa l-Isptar ghal aktar osservazzjoni u kura biex forsi tingheleb il-hsara fis-saba', u mhux mibghuta d-dar b'nota biex tmur il-Polyclinic darbtejn fil-gimgha. Ighid ukoll li meta sar l-intervent fuqha hija kienet ghadha mugugha.

Dwar l-ingwent li uzat l-attrici, il-perit mediku qal li jidher li dan jista' jaghmel infjammazzjoni li jkollha gravita` skond il-kaz izda mkien ma jissemma' li jikkaguna gangrena tal-kwalita` li kellha l-attrici. Izda l-attrici kellha diehes li allura setghet aggravat l-infjammazzjoni. Il-perit mediku fil-fatt jikkonkludi li l-hsara li grat mhijiex kollha dovuta ghall-uzu ta' l-ingwent izda giet aggravata minn fatturi ohrajn. Difatti jispjega li z-zmien li l-attrici damet tuza l-ingwent kien qasir wisq u l-perijodu sa meta dehret il-gangrena twil wisq biex jista' jinghad li l-gangrena kienet kollha dovuta ghall-uzu ta' l-imsemmi ingwent.

Il-perit mediku nnota wkoll li l-hsara aggravat wara li saru d-drains fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' Marzu 1993 u tnehhew fl-24 ta' Marzu 1993, u baqghet taggrava sakemm saret l-amputazzjoni fis-6 ta' April 1993. Jidher

pero` mix-xiehda ta' Mr. Sciberras li huwa stenna biex jopera sakemm tifforma demarkazzjoni tal-gangrena.

Fl-10 ta' Mejju 2000 il-perit mediku rega' ezamina lill-attrici. Huwa kkonferma li ghandha nuqqas ta' nofs is-saba' in kwistjoni, jigifieri tilfet id-distal phalynx u nofs il-middle phalynx. Rigward in-nofs saba' li baqa', ghandha 90 degrees flexion deformity fil-proximal inter phalyngeal joint, jigifieri li l-parti li baqa' tal-middle phalynx huwa milwi 90 grad lejn il-pala ta' l-id u b'hekk ma jistax jiddritta dan is-saba' bhall-bqija ta' shabu. Barra minn hekk sab li ghandha hyper-extension tal-metacarpo-phalyngeal joint ta' 25 degrees meta tipprova tiddritta s-saba' nvolut, jigifieri li waqt li s-swaba' l-ohra normali ta' idha l-leminija huma dritti meta tiddrittahom, is-saba' nvolut li issa huwa ta' nofs it-tul li kellu mhux talli jibqa' mghawweg 90 grad lejn il-pala fit-tarf li baqaghlu izda li katar 'il fuq lejn l-id, il-gog li miss, il-metacarpo-phalyngeal joint, igholli 'l fuq lill-middle phalynx bir-rizultat li dan is-saba' jiehu forma ta' ganc maghluq u jtellef il-funzjoni tal-bqija tas-swaba' u l-id. Fit-tarf tas-saba' jinhass ugigh jekk l-attrici tmissu b'xi haga iebsa.

L-attrici permezz tac-citazzjoni taghha ccitat bhala konvenuti kemm lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern kif ukoll lil Dr. Jerzy Kosmyder. Pero`, kif tajjeb osserva l-perit legali fir-relazzjoni tieghu, fil-kawzali u fit-talbiet hija ma tispjegax ghaliex iccitat lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern. Il-perit legali jirrimarka li fil-kors tal-provi "ma ntqal xejn li jirrifletti ut sic fuq l-agir tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern personalment jew in kwantu ttiehdet f'ismu xi decizjoni amministrattiva li ppregudikat lill-attrici, bhal per ezempju xi rifjut ta' talba ghal kura barra minn Malta …. Ma hemmx talbiet li jorbtu lill-konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern ma' din in-negligenza tal-konvenut Dr. Kosmyder izda biss it-tielet talba li tghid li s-CGMO flimkien ma' Dr. Kosmyder ghandhom ihalsu d-danni likwidati. Taht dan l-aspett, ic-citazzjoni, in kwantu diretta kontra l-konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern hija monka proceduralment ghax ma tistax titlob il-kundanna ghall-hlas tad-danni bla ma preordinatament titlob dikjarazzjoni ta' responsabbilta` tal-konvenut fir-rigward ta' dawk id-danni." Il-perit legali

konsegwentement ikkonkluda li t-Tabib Ewlieni tal-Gvern "ma jista' qatt proceduralment jigi kkundannat ihallas danni li ma ntalbitx dikjarazzjoni tar-responsabbilta` tieghu ghalihom u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza".

Il-perit legali josserva wkoll li "anki kieku wiehed kellu jargumenta li r-responsabbilta` ta' tabib impjegat fl-Isptar mad-Dipartiment tas-Sahha testendi ghas-CGMO, u li c-citazzjoni - bi strapp ghall-intelligenza u r-ritwalita` - ghandha tiftiehem hekk, it-talba kontra s-CGMO wkoll tfalli ghaliex hu pacifiku li f'kaz ta' dannu kkagunat minn impjegat, l-employer, hu min hu, inkluz il-Gvern, jirrispondi biss ghal "CULPA IN ELIGENDO" kontemplata fl-artikolu 1037 tal-Kodici Civili li jiddisponi:

'Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghal hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi.'

Issa fil-kaz in ezami, fic-citazzjoni la hemm premessi jew kawzali f'dan is-sens u lanqas talbiet ghal dikjarazzjoni li l-konvenut CGMO kien hati ta' xi 'culpa in eligendo'. U inoltre fil-kors tal-process lanqas biss kien hemm tentattiv ta' xi bidu ta' prova f'dar-rigward. Ghalhekk anki taht dan l-aspett, jekk wiehed jinsa d-difett procedurali fuq imsemmi, ma hemmx bazi ghall-azzjoni odjerna in kwantu hija diretta kontra l-konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern."

Fin-nota ta' kritika taghha l-attrici ssostni li l-konvenut Tabib Ewlieni tal-Gvern ghandu jirrispondi a bazi ta' ligi specjali, cioe` l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Sahha (Kap 94). Il-konsiderazzjonijiet ta' l-attrici pero` mhumiex rilevanti fit-termini tac-citazzjoni taghha peress li fiha ma qeghda timputa l-ebda responsabbilta` lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern izda unikament lil Dr. Jerzy Kosmyder. Difatti bejn il-kawzali fic-citazzjoni u t-talbiet ma tezisti l-ebda rabta in kwantu jirrigwarda lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern. Ghalhekk il-Qorti taqbel mal-perit

legali li dan ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti b'hekk trid tghaddi biex tikkunsidra l-komportament tal-konvenut l-iehor Dr. Jerzy Kosmyder. Huwa ovvju li dan il-konvenut ma jistax jirrispondi ghan-nuqqasijiet li seta' kien hemm ta' kollegi ohrajn tieghu u li mhumiex in kawza. Il-periti gudizzjarji kkummentaw hekk dwar sehem Dr. Kosmyder:

"36. Fil-granet in kwistjoni, Dr. Kosmyder l-ewwel kellu l-pazjenta riferita lilu minn Dr. Francis Borg li kien ra lill-attrici fl-istess jum tas-17 ta' Marzu 1993 u ezaminaha u offrielha li jifthilha subghajha dakinhar stess, u l-ghada ghmel dan l-intervent fuq il-pazjenta taht local anaesthetic, immedikahulha u qalilha biex tmur il-Polyclinic darbtejn fil-gimgha u terga' tmur l-Isptar wara gimgha. Dik kienet l-ahhar darba li raha. Wara saru diversi interventi minn tobba u kirurgi ohra.

37. Ir-responsabbilta` ta' Dr. Kosmyder ghalhekk trid tigi investigata fil-parametri tal-involviment tieghu u tieghu biss u cioe` fir-rigward tad-decizjoni tieghu li jiftah is-saba'. Fil-mod kif fethu, u fil-follow-up li hu kien iddecieda li ghandu jsir. Ma jistax jirrispondi ghal decizjonijiet li ttiehdu wara minn haddiehor u inqas u inqas ghal treatment jew nuqqas ta' treatment sussegwenti.

38. Fir-relazzjoni tieghu hawn annessa (Fol. 5) l-espert mediku ma sab xejn x'jiccensura fl-operat tal-konvenut Kosmyder in kwantu dan iddecieda li jaqsam is-saba', u fil-mod kif ghamel dan. Infatti l-espert mediku rrelata li jiudher li dan sar bi procedura skond l-arti u s-sengha medika billi nghatat injezzjoni lokali fuq kull naha tas-saba', kif del resto kkonfermat l-attrici stess, u wara inqasam il-laham bi scalpel.

39. Pero` l-istess perit mediku jissottometti fir-relazzjoni tieghu:

'…li jekk meta raha Dr. Kosmyder, is-saba' kien qed jiddeterjora, l-attrici missha giet ammessa l-Isptar ghal

aktar osservazzjoni u kura biex forsi tingheleb il-hsara fis-saba' u mhux mibghuta d-dar b'nota biex tmur il-Polyclinic darbtejn f'gimgha, jigifieri wara tlett ijiem li jkunu rawha l-Isptar. Fi tlett ijiem l-affarijiet jiddeterjoraw hafna.'

40. Fil-fehma tal-periti sottoskritti, dan in-nuqqas ta' Dr. Kosmyder li jzomm il-pazjenta taht osservazzjoni ladarba kkonstata l-istat deterjoranti tas-saba' tant li sahansitra kien intima lill-attrici li kellha mnejn titlef it-'tip' ta' subghajha, zgur ikkontribwixxa biex kull treatment li kien mehtieg fic-cirkostanzi jigi 'delayed' b'mod li s-sitwazzjoni tas-saba' kompliet tmur ghall-aghar u bla ma sar xejn biex tista' tigi kontrollata jew rimedjata s-sitwazzjoni.

41. Id-decizjoni li ghamel il-konvenut Kosmyder fic-cirkostanzi li skond ix-xiehda tieghu stess irrizultawlu, kienet wahda inkonsulta u li zgur ikkontribwiet biex is-saba' ta' l-attrici jkompli jiddeterjora. Mhux eskluz li wara dan l-izball tieghu ttiehdu zbalji ohra minn tobba li raw jew ittrattaw lill-attrici sussegwentement, imma l-izball tal-konvenut Kosmyder zgur li kkontribwixxa materjalment ghall-mod kif is-sitwazzjoni baqghet tmur ghall-aghar u waslet biex l-attrici titlef subghajha aktar tard.

42. Wara li rriflettew fit-tul, l-esponenti jhossu li Dr. Kosmyder ghalhekk ghandu jirrispondi ghal nofs ir-responsabbilta` ta' dak li gara u ghad-danni konsegwenzjali li sofriet l-attrici…."

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom il-konvenuti jsostnu li l-perit mediku ghamel biss assunzjoni li mhijiex bazata fuq il-fatti meta qal li jekk Dr. Kosmyder **raha s-saba' jiddeterjora** kien imissu zamm l-attrici l-Isptar ghall-osservazzjoni. Il-Qorti ma taqbilx peress li kien Dr. Kosmyder stess li fix-xiehda tieghu qal li meta ra lill-attrici fis-17 ta' Marzu 1993 sab *"her tip of the ring finger to be **necrotic** and of a brownish colour"*. Kull kumment iehor ikun superfluwu.

Ghalhekk il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-periti gudizzjarji li l-konvenut Dr. Jerzy Kosmyder ghandu jinzamm responsabbli fi proporzjon ta' 50%.

In kwantu d-danni jirrizulta li l-attrici kellha 31 sena meta gara l-kaz u ghalhekk multiplier ta' 30 sena kif adoperat fir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji huwa gustifikat. Ma jirrizultax li l-attrici ghandha xi impjieg u ghalhekk il-qliegh potenzjali ghandu jigi kkalkolat fuq il-*minimum wage*. Dak uzat fir-relazzjoni msemmija huwa ta' Lm65 fil-gimgha mehud bhala *average* u li jidher gustifikat. Billi skond ir-rapport ta' l-espert mediku l-attrici sofriet dizabilita` ta' 30%, id-danni jridu jinhadmu hekk:

30 sena x Lm65 x 52 gimgha x 30% dizabilita` = Lm30,420.

Il-konvenut Dr. Jerzy Kosmyder ghandu jwiegeb ghal nofs dan l-ammont, cioe` Lm15,210.
Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tillibera lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern mill-osservanza tal-gudizzju, filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif intqal fil-konfront tal-konvenut Dr. Jerzy Kosmyder billi

(1) tiddikjara li minhabba t-traskuragni fis-sengha u arti tal-konvenut Kosmyder, liema responsabbilta` hija limitata ghal 50%, l-attrici sofriet danni permanenti fuq il-persuna taghha,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attrici li ghalihom huwa responsabbli l-istess konvenut Dr. Jerzy Kosmyder fis-somma ta' Lm15,210,
(3) tikkundanna lill-istess Dr. Jerzy Kosmyder ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata ta' Lm15,210.

Bl-ispejjez li jithallsu nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut Dr. Jerzy Kosmyder.

--------------------------------TMIEM--------------------------------